MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2014

Avviz Numru. 319/2010

**Allcare Insurance Agency Limited**

**Vs**

**Smash Communications Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici li talbet li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata li thallas is-somma ta' hdax-il elf erba' mija u hamsa w erbghin euro u hamsa w disghin centezmu (€11,445.95) rapprezentanti bilanc ta' somma akbar li hu dovut minnhom bhala premiums ta' poloz t'assikurazzjoni mahrugin ghan-nom u fl-interess taghkom, liema premiums thallsu lill-underwriter mis-socjeta' attrici u ghadhom ma' gewx rifuzi mid-debitur, liema somma jew parti minnha tigi zbankata mill-atturi direttament mic-cedola ta' depozitu numru 1833/2010, bla pregudizzju ghal kull bilanc li jifdal wara tali zbank.

Bl-ispejjez inkluzi dawk t'ittra ufficjali numru 1657/2010 ai termini tal-artikolu 166A, minnhom ikkontestati, kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru numru 2916/2010, kif ukoll bl-imghaxijiet kummercjali skond l-artiklu 26C tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta kontra taghhom, huma lkoll ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

Illi t-talbiet rikorrenti fil-konfront tas-socjeta' konvenuta, ghandhom jigu respinti bl-ispejjez u dan stante ghas-segwenti ragunijiet.

Illi in linea preliminari s-socjeta' konvenuta qed tecepixxi l-preskrizzjoni ta' hames snin.

Illi l-ammont pretiz mhux dovut mis-socjeta' konvenuta u dan essendo li se mai u jekk in pessima ipotesi l-ammont huwa dovut dan huwa dovut solament minn Andrew Farrugia li jew ikkontratta fil-vesti tieghu personali jew inkella, minghajr l-awtorizazzjoni jew mandat tas-socjeta' konvenuta.

Illi finalment u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet rikorrenti, ma' jistghux jigu milqguha u dan se mai stante li ftehim ma' Andrew Farrugia l-premiums kollha kellhom jigu pacuti ma' riklami u kienet l-intransigenza ta' l-istess socjeta' attrici li waslet ghal din il-vertenza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti seljanti u mhux kontestati huma s-segwenti:

1. Is-socjeta' konvenuta tassigura diversi vetturi taghha mas-socjeta' attrici.

2. Is-socjeta' konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma flus in konnnessjoni ma' *premia* fuq karozzi li ghandhom il-licenzja taghhom registrata fuq isem Joseph Baldacchino f'isem u ghan-nom tas-socjeta' konvenuta, inkluz ukoll hlasijiet tal-licenzja lil Transport Malta li s-socjeta' attrici ghamlet fuq dawn il-vetturi.
3. Qabel il-kawza, iz-zewg kontendenti kemm il-darba ftiehmu li mill-ammont dovut bhala *premia,* jitnaqqas l-ammont dovut ghal riklami li s-socjeta' konvenuta kienet taghmel ghas-socjeta' attrici.
4. L-ammont li qed tippretendi s-socjeta' attrici fir-rikors promotur huwa l-ammont ghal *premia* li kienu ghadhom dovuti, wara li gie pacut l-ammont dovut mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta ghar-riklami.
5. L-ahhar pagament sar mis-socjeta' konvenuta matul is-sena 2008.

**Konsiderazzjonijiet Legali**

*Eccezzjoni tal-Preskrizzjoni*

Fl-ewwel eccezzjoni taghha, is-socjeta' konvenuta eccepiet *"il-preskrizzjoni ta' hames snin"*.

Fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2010[1], din il-Qorti ordnat lis-socjeta' konvenuta tispecifika l-Artikoli u sub-Artikoli involuti f'dan il-kaz. Peress li s-socjeta' konvenuta ma ottemperatx ruhha ma' din l-ordni tal-Qorti, fis-seduta tat-12 ta' Settembru 2011, il-Qorti ordnat li jinstemghu l-provi fil-meritu.[2]

Fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Gauci vs. Saviour Farrugia** deciza fit-22 ta' Gunju 2005, il-Qorti ta' l-Appell (sede Inferjuri)[3] irriteniet hekk:
*"… … (J)ibda biex jigi osservat illi skond l-Artikolu 2111 Kodici Civili "il-qorti ma tistax ex officio taghti effett ghall-preskrizzjoni jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata". Dan l-artikolu huwa car bizzejjed u l-*

[1] Ara fol. 8 tal-process.
[2] Ara fol. 14 tal-process.
[3] *Per* Onor. Imhallef Dott. Philip Sciberras.

*interpretazzjoni dwaru hi din. Il-gudikant ma jistax jirricerka d' ufficio il-fatti kostituttivi ta' eccezzjoni rizervata mil-ligi lill-partijiet. Hekk ukoll lanqas jista' l-gudikant jassumi d' ufficio tali fatti fid-decizjoni tieghu ghall-fini li jiddikjara l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni jekk din ma tkunx giet espressament dedotta;*

*Kif deciz, "peress li din hi preskrizzjoni invokata mill-appellant il-Qorti ma tistax tezamina jekk hijiex applikabbli xi disposizzjoni ohra f'materja ta' preskrizzjoni ghaliex gie dejjem stabbilit fil-gurisprudenza u del resto huwa konsentaneu ghar-raguni u ghall-ispirtu fundamentali fil-materja ta' preskrizzjoni, illi dik ghandha tigi nvokata mill-parti, u ma tistax il-Qorti tara u tezamina jekk hemmx xi preskizzjoni li tista' tkun opponibbli peress illi hija materja kollha ta' kuxjenza" – Kollez. Vol. XXXIII P I p 481;*

*Irid jinghad ukoll illi l-proposizzjoni generika ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mill-parti interessata ma tawtorizzax lill-gudikant biex jindividwa hu t-tip tal-preskrizzjoni li tghodd ghall-kaz. Dan ghaliex huwa l-parti li ghandu l-oneru jaghzel liema wahda mill-varji ipotesijiet prezunti mil-ligi hi applikabbli. Fin-nuqqas ta' indikazzjoni specifika l-eccezzjoni nnifisha ma tistax hlief tigi dikjarata inammissibbli. A propozitu anke f' dan il-kuntest gie deciz illi "l-eccepita preskrizzjoni bjennali mhix indikata b'mod sufficjentement car u specifiku in kwantu l-Artikolu 2254 (illum 2149) f'ben hames incizi distinti jiprospetta l-preskrizzjoni ta' azzjonijiet ghal kollox differenti wahda mill-ohra" – "***Joseph Grech -vs- Emanuele Camilleri et***", Appell Kummercjali, 21 ta' Marzu 1977;*

*Minn dan kollu jitnissel illi fl-assenza ta' indikazzjoni cara u specifika tal-preskrizzjoni, il-gudikant ma jistax jiehu inizzjattiva biex jissupplixxi hu ghan-nuqqas tal-parti."*

Fid-dawl ta' dan l-insenjament tal-Qorti ta' l-Appell, ladarba s-socjeta' konvenuta naqset li tindika l-Artikolu u s-sub-Artikoli li fuqhom qed tibbaza l-eccezzjoni taghha tal-preskrizzjoni, dina l-eccezzjoni hija inammessibbli u l-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

*Il-Meritu*

Il-fatti fuq elenkati huma ibbazati fuq dak li xehed l-uniku xhud prodott mis-socjeta’ attrici, cioe Stephen Muscat, li xehed u ezebixxa d-dokumenti li abbazi taghhom, is-socjeta’ attrici qieghda issejjes il-pretenzjoni taghha. Dan ix-xhud ma giex kontro-ezaminat mis-socjeta’ konvenuta, u l-istess socjeta’ konvenuta ma ipproduciet l-ebda provi sabiex tikkontradici dak li xehed Stephen Muscat u/jew tipprova l-eccezzjonijiet taghha fil-meritu.

Fid-dawl ta’ dan in-nuqqas tas-socjeta’ konvenuta, il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn ghandha tiskarta x-xhieda ta’ Stephen Muscat, u tiddikjara li s-socjeta’ attrici ippruvat il-pretensjoni taghha skont il-ligi.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta dwar il-preskrizzjoni u tichad ir-rimanenti eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta, qieghda tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u tikundanna lis-socjeta’ konvenuta li thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hdax-il elf erba’ mija u hamsa w erbghin euro u hamsa w disghin centezmu (€11,445.95), liema somma jew parti minnha tigi zbankata mis-socjeta’ attrici direttament mic-cedola ta’ depozitu numru 1833/2010, bla pregudizzju ghal kull bilanc li jifdal wara tali zbank.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 1657/2010 ai termini tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, tal-mandat ta’ sekwestru numru 2916/2010, kif ukoll bl-imghaxijiet kummercjali skont l-Artikolu 26C tal-Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta’ Malta kontra s-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------